# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizze: santavenera.lc@gov.mt

Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**1/19**

**Minuti tal-ewwel laqgħa tad-dsatax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa, 5 t'April, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Ċermen** |
| | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | **-** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti:** | **Is-Sur Ronald Briffa** | **-** | **Kunsillier** |
| | **(ippreżenta r-riżenja tiegħu l-Ġimgħa, 5 t'April, 2013)** | | |
| **Mistieden:** | **Dott. Ian Micallef LL.D.** | **-** | **Kummissarju tal-Ġustizzja** |

***Aġenda:***

***1 Talba***
***2 Aċċettazzjoni u ħatra tal-Kariga ta' Sindku***
***3 Aċċettazzjoni u ħatra tal-Kariga ta' Viċi Sindku***
***4 Aġġornament***

Il-laqgħa bdiet fis-7 ta' filgħaxija.

**1 Talba**

1.1 Is-Sur Horace J Anastasi kien 'l aktar Kunsillier Anzjan u kien iċ-Ċermen għall-ewwel parti tal-laqgħa. Huwa fetaħ l-ewwel laqgħa ta' dina l-leġiżlatura b'talba qasira.

1.2 Iċ-Ċermen rringrazzja lill-Kunsillieri kollha li servew matul l-aħħar leġiżlatura u awgura l-ħidma t-tajba lill-Kunsill 'il ġdid u lill-Kunsillieri attwali.

**2 Aċċettazzjoni u ħatra tal-Kariga ta' Sindku**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinj Louise-Anne Gusman introduċiet it-tieni punt tal-Aġenda. Is-Sur Anastasi bħala l-aktar Kunsillier Anzjan, ikkwota mill-Att Dwar Kunsilli Lokali (KAP. 363), Taqsima III – Il-Kariga ta' Sindku, Artikolu 25, subartikolu (1) u, staqsa lis-Sur Stephen Sultana li kien kandidat li gab l-ikbar ghadd ta' voti jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Sindku Is-Sur Sultana wieġeb fl-affermattiv, ffirma l-aċċettazzjoni ta' dina l-kariga u ngħata l-ġurament ta' Sindku li ingħatalu minn Dott Ian Micallef LLD, Kummissarju tal-Ġustizzja.

**3 Aċċettazzjoni u ħatra tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

3.1 Is-Sindku, s-Sur Sultana kkwota mill-Att Dwar Kunsilli Lokali (KAP. 363), Taqsima III – Il-Kariga ta' Sindku, Artikolu 25, subartikolu (2) u, staqsa lis-Sur Jonathan Brimmer jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Brimmer wieġeb fl-affermattiv, ffirma l-aċċettazzjoni ta' dina l-kariga u ngħata l-ġurament ta' Viċi Sindku minn Dott Ian Micallef LLD, Kummissarju tal-Ġustizzja.

3.2 Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott Ian Micallef LLD awgura lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri eletti u ħareg mill-kamra fis-7.06 ta' filgħaxija.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsillieri preżenti rigward il-*lapel badge* u l-Insinja. L-Eks Sindku, s-Sur Horace J Anastasi, libbes il-*lapel badge* lis-Sindku, s-Sur Sultana u ppreżentalu l-Insinja u awguralu.

3.4 Is-Sindku ndirizza l-ewwel diskors tiegħu fil-Kunsill. Is-Sur Sultana rringrazzja lill-Eks Sindku, s-Sur Horace J Anastasi u lill-Eks Sindku s-Sinj Elizabeth Vella, lill-Kunsillieri 'l oħra kollha li servew matul dawn 'l aħħar għoxrin sena. Irringrazzja wkoll lill-Kunsillieri li ma ġewx eletti u nforma lill-Kunsill li s-Sur Ronald Briffa, kien pprezenta r-riżenja tiegħu dakinhar stess. Huwa żied jgħid li ser jieħu ħsieb li l-Kunsill jagħti rikonnoxximent żgħir lil eks Kunsillieri.

**4.0 Aġġornament**

4.1 Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri preżenti għal Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera għal nhar il-Ħadd, 21 t'April, 2013, fid-9 ta' filgħodu.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-laqgħa tal-Kunsill ser jipprova jżomm mal-ġurnata tat-Tnejn u dan sakemm ma ikunx hemm ċirkostanzi li ma jkunx hemm kontroll fuqhom. Il-laqgħa ntemmet għas-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 15 t'April, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija, b'Aġenda tkun ikkomunikata aktar tard.

| | |
|---|---|
| Louise-Anne Gusman | Stephen Sultana |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Ikkonfermati llum, ...15 ta' April 2013.....